2) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' José Manuel Baena Grupo, SA. MM. Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (forma ta' fenek magħmul miċ-ċikkulata b'żigarella ħamra)

(Kawża T-336/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' fenek magħmul miċ-ċikkulata b'żigarella ħamra — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar Regolament (KE) Nru 207/2009) — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(3) tar Regolament (KE) Nru 207/2009)"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv — Eċċezzjoni — Kisba tal-karattru distintiv permezz tal-użu — Trade mark tridimensjonali (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b) u (3)) (ara l-punti 59, 67-71)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ġunju 2008 (Każ R 1332/2005-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' fenek magħmul miċ-ċikkulata b'żigarella ħamra bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark tridimensjonali, li tirrapreżenta fenek magħmul miċ-ċikkulata, għal prodotti tal-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 3844446
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.